## 14 ta' Jannar, 1967

**Imħallef:**

**Onor. M. Caruana Curran, B.A., LL.D.**

Carmelo Camilleri et

*versus*

Mikiel Ellul et

**Intempestività — Xogħol — Esekuzzjoni ta' — Sentenza, ordnat b' — Perit — Inkarigu ta'**

*Ma hix intempestiva l-azzjoni ta' minn jippretendi li min kellu jesegwixxi xogħol taħt ordni ta' sentenza ma jkunx esegwieh tajjeb. L-inkarigu tal-perit għas-sorveljanza ta' dak ix-xogħol ma jestendix ruħu għad-deċiżjoni jekk dak ġiex esegwit tajjeb jew le, liema ġudizzju jibqa' dejjem tal-Qorti, imma huwa limitat għad-direzzjoni tax-xogħol fin-nuqqas li l-konvenut jonqos li jagħmlu.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi — billi b'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina mogħtija fil-ħmistax (15) ta' April, 1966, fil-kawża fl-ismijiet "Carmelo Camilleri et vs. Mikiel Ellul et" — ċitazzjoni numru 436/1957 fil-Prim'Awla ta' din il-Qorti — l-konvenuti ġew ikkundannati li jagħmlu x-xogħol meħtieġ biex jipprovdu fi żmien xahar lill-atturi fuq l-art ta' l-istess konvenuti fejn qabel kien hemm il-biċċa ta' l-isqaq "Ta' Xgħari Imqalleb" maqtugħa minnhom jew fuq is-sit l-aktar qrib, passaġġ ta' l-istess wisa' ta' dak l-isqaq u — fil-każ li jonqsu — ġew awtorizzati l-atturi li jagħmlu huma x-xogħol meħtieġ biex jipprovdu dak il-passaġġ taħt id-direzzjoni tal-Perit Arkitett Edward Vassallo spejjeż tal-konvenuti; billi dawk il-konvenuti — wkoll il-konvenuti fl-azzjoni preżenti — għalkemm għal kull fini tajjeb

tempestivament imwissijin bil-protest ta' l-instanti fid-9 ta' Mejju, 1966, li dawn ma kienux sejrin jaċċettaw minn għandhom l-ebda xorta ta' rikostruzzjoni tal-imsemmi sqaq — passaġġ non-rispondenti għan-neċessità u drittijiet tal-istess istanti b'dik is-sentenza affermati — fil-fatt ifformaw, viċin talparti li kienu kissru, passaġġ sal-biċċa art tal-atturi, f'dik ilkawża speċifikata li fil-parti esterna jew inizjali tiegħu għandu, bejn iż-żewġ ħitan laterali relativi, il-wisa massimu ta' sitt piedi u tlett pulzieri (6'3") ċirka; minkeb ossija kisra fejn dik il-parti esterna tintaqa' mal-parti nterna u terminali (dejjem fuq l-art tal-konvenuti) ta' l-istess passaġġ li, kuntrarjament għall-format preċedenti ta' l-istess kisra, ta' speċi ta' skorra falza b'angolu oblikwu ġiet issa magħmula "ad angolo retto" b'manjiera li ma tippermettix it-tidwir ta' vejkoli normalment użati f'simili passaġġi; u varjaw anke l-imsemmi bran intern tal-passaġġ billi irriduċewlu għal sebgħa piedi u tmien pulzieri (7'8") ċirka l-wisa' ta' għaxar (10) piedi li kellu qabel, mentri l-bran l-ieħor, estern, fuq imsemmi kellu qabel il-wisa' superjuri ta' għaxar (10) piedi wkoll — premesi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvediment opportuni — talbu li jiġi dikjarat u deċiż li bil-manjiera kif irrikostrenew l-imsemmi passaġġ li tiegħu biċ-ċitata sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' April, 1966, kienet ġiet definitivament ordnata r-reintegrazzjoni, huma ma irripristinawx l-isqaq fl-istat tiegħu preċedenti kif fuq spjegat; u dan sabiex l-atturi jkunu jistgħu jagħmlu fuq l-art tal-konvenuti x-xogħol neċessarja taħt id-direzzjoni tal-Perit Paul Mercieca, sostitwit għal fuq imsemmi Perit Vassallo, b'digriet tal-Qorti tal-Appell ta' tlieta ta' Ġunju, korrenti; a spejjeż tal-konvenuti kif diġà awtorizzati, l-atturi, mill-imsemmija sentenza tal-Qorti ta' l-Appell; fermi u riżervati kull dritt u azzjoni ta' l-atturi kontra l-konvenuti għar-riżarċiment tad-danni — likwidabbili f'ġudizzju separat — li dawna qegħdin u għad ikomplu eventwalment jikkaġġonaw bin-nuqqasijiet tagħhom hawn preċedentement rilevati; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-fuq riferit protest pre-

żentat f'din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 1966, u tar-risposta ta' l-instanti fil-Qorti ta' l-Appell preżentata fil-25 ta' l-istess xahar u sena b'riferenza għar-rikors tal-perit Edward Vassallo li ta lok għas-sostituzzjoni tiegħu mill-fuq imsemmi perit Paul Mercieca operat bil-fuq ċitat degriet tat-3 ta' Ġunju korrenti, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi u n-nota tax-xhieda tagħhom;

Rat a fol. 6 in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Michelangelo Ellul li (1) d-domanda tal-atturi hija intempestiva għaliex l-A.I.C. Paul Mercieca sostitwit għall-A.I.C. Edward Vassallo għadu ma tax il-ġudizzju tiegħu fuq ix-xogħol li l-konvenuti għamlu in esekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta' April, 1966, fl-ismijiet premessi, u (2) li kieku kellhom id-disapprovazzjoni tal-perit għax-xogħol li għamlu kienu jirrimedjaw immedjatament billi jagħmlu dak li kien jordnalhom il-perit;

Rat a fol. 7 in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Mikiel Ellul fis-sens li d-domanda tal-atturi hi intempestiva għar-raġunijiet indikati fin-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut fuq imsemmi;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-konvenuti u n-nota tax-xhieda tagħhom rispettivament;

Rat is-sentenza pronunzjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-15 ta' April, 1966, fl-ismijiet "Carmelo Camilleri et vs. Mikiel Ellul et" li għaliha saret riferenza;

Semgħet id-difensuri;

Ikkunsidrat fuq l-eċċezzjoni tal-intempestività tad-do-

mandi sollevati tant mill-ewwel kemm mit-tieni konvenuti illi din ma hi b'ebda mod fondata fuq id-dritt bejn il-partijiet emerġenti mis-sentenza fuq riferita, in kwantu li b'dik is-sentenza (sostanzjalment konfermatorja ta' dik mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Frar, 1965) il-perit Mercieca ma ġie mogħti ebda nkariku biex jiddeċiedi jekk ix-xogħlijiet li kellhom jiġu talvolta esegwiti mill-konvenuti għandhomx jew le jiġu kkunsidrati regolarment u pienament konsistenti ma dawk ordnati mill-Qorti biex fi żmien xahar il-konvenuti jipprovdu lill-atturi — *fuq l-art tagħhom fejn qabel kien hemm il-biċċa ta' l-isqaq* maqtugħa minnhom, jew fuq is-sit l-aktar qrib, passaġġ ta' l-istess wisa' ta' dak l-isqaq. L-imsemmi perit żgur ma ġiex maħtur bħala arbitru tat-tjubija jew korrettezza o meno tax-xogħlijiet esegwiti mill-konvenuti għal dan l-iskop. L-inkariku lilu konferit kien ferm differenti u difatti, iżgħar fil-kontenut tiegħu għax kien limitat biss għaċ-ċirkostanza li, fil-każ li l-konvenuti jonqsu li jagħmlu fiż-żmien prefiss dak li ġie lilhom ordnat, u allura jgħaddu biex jagħmlu huma a spejjeż tal-konvenuti dawk ix-xogħlijiet meħtieġa, huwa kellu jidderiġi x-xogħlijiet.

*Illi*, kif jidher, il-każ prospettat mill-konvenuti huwa "*toto caelo*" divers minn dak prospettat fis-sentenza. Dawn *il-Qrati* mhumiex soliti jirrendu ebda perit "*a priori*" arbitru uniku u finali bl-esekuzzjoni o meno tas-sentenzi tagħhom jew ta' xogħlijiet ordnati bis-sentenzi tagħhom, għax dan anzi ikun kontra l-liġi, għax b'hekk il-Qrati ikunu qegħdin jabdikaw mill-funzjoni tagħhom li jiddeċiedu dwar il-kontroversja bejn *iċ-ċittadini u jħalluha f'idejn bniedem privat*, għalkemm delegat minnhom, u l-Qrati f'dan l-aspett fondamentali u tipiku tal-funzjoni tagħhom m'għandhomx poter ta' delega. Fis-sentenza in kwistjoni hemm biss l-ordni, li ormai ma jistax jinħarab jew jiġi frustat, li l-konvenuti jagħmlu ċerti xogħlijiet u jagħmluhom f'ċertu żmien. Il-konvenuti kellhom jagħmlu *dawk ix-xogħlijiet* a riskju tagħhom, fis-sens li jekk ma jagħ-

mluhom xejn, jew jagħmluhom biss in parti, jew jagħmluhom ħażin u mhux skond kif mitlub mill-arti tajba u mill-buona fede, jew ma jlestuhomx fiż-żmien prefiss, allura l-atturi kellhom d-dritt jagħluhom jew *ikompluhom* huma stess a spejjeż tal-konvenuti, u huwa f'dan it-tieni stadju biss, u mhux qabel, li kellu jidħol l-intervent tal-perit fis-solita kapaċità direttiva ntiża biex jiġu evitati spejjeż żejda lill-konvenuti billi jiġi assikurat li x-xogħol *isir taħt is-superviżjoni*, anzi taħt id-direzzjoni, ta' perit nominat *mill-Qorti*. Imma fl-għeluq ta' l-ewwel stadju għandha tkun il-Qorti (imqar wara li tieħu opinjoni teknika ta' esperi, imma dejjem il-Qorti) li għandha tiddeċidi jekk l-atturi għandhomx dritt jgħaddu għat-tieni stadju tal-esekuzzjoni da parti tagħhom *stess a spejjeż* tal-konvenuti.

Illi fid-dawl tar-raġunamenti premessi, li mhumiex ħlief l-applikazzjoni loġika *tas-sentenza* li llum tagħmel liġi bejn il-partijiet, l-eċċepita intempestività ma tidhirx ħlief tentattiv, sia pure bażat fuq interpretazzjoni innoċentement erronea tas-sentenza, biex il-perit li għandu sempliċement jiddeciġi x-xogħol jekk il-konvenuti ma jagħmluhx (jew kif fuq intqal, ma jagħmluhx tajjeb jew fit-terminu) jiġi elevat f'arbitru u ġudikant tax-xogħlijiet esegwiti mill-konvenuti.

Illi jista' jkun ix-xogħlijiet talvolta ġa esegwiti mill-konvenuti huma sew u in regola. Dan għad irridu narawh. Imma, ħażin jew tajjeb, l-atturi qegħdin jippretendu bil-preżenti azzjoni, li x-xogħlijiet magħmulin mill-konvenuti mhumiex in regola, u dana skond *iċ-ċitazzjoni*, għax il-passaġġ ġie rikostruwit, idjaq minn dak li kien fl-istat pristinu tiegħu, u barra minn dan sar ukoll malaġevoli minħabba l-angolu rett li ma jippermettix il-vejkoli jduru, u jekk l-atturi għandhom din il-pretensjoni huma għandhom dritt li tiġi nvestigata u deċiża minn din il-Qorti, sia pure, kif fuq intqal, bl-opra ta' perit, u mhux minn perit waħdu.

Illi in vista tal-premess lanqas t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Michelangelo Ellul ma hi sostenibili;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespingi l-eċċezzjoni tal-intempestività sollevata mill-konvenuti kif ukoll it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut Michelangelo Ellul bl-ispejjeż kontra tagħhom, u l-kawża *tibqa' differita* għal kontinwazzjoni, in difett ta' ostakolu, għas-seduta tat-8 ta' Frar, 1967, fid-9 a.m.